# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru 2733

Kaz Numru 3732/JG

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Dirk Farrugia (K.I.: 442082 M)

u

Federated Mills plc (C 15903)

*Dwar: Tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum: 7 ta' Mejju, 2021

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT**

**Introduzzjoni**

Il-Kaz kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat 4 ta' Marzu, 2019 permezz ta' l-Avukat Franco Galea f'isem is-Sur Dirk Farrugia. Min-naha l-ohra s-socjeta' Federated Mills plc irrispondiet fit-3 ta'Mejju, 2019 permezz ta' l-Avukat Joseph Grech.

Fir-rigward ta' l-artiklu 78 tal-kap 452 tal-ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ma setax jiddeciedi l-kaz fil-perjodu stipulat mil-Ligi minhabba d-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

It-Tribunal kellu quddiemu kaz fejn ir-rikorrent s-Sur Farrugia allega tkeccija ngusta ghaliex jghid li kien sfurzat jirrezenja *"constructive dismissal".* Dan ghaliex kif allegat il-kumpanija ma onorax il-ftehim li r-rikorrent jghid li kien intlahaq mal-General Manager tieghu ta' dak iz-zmien, fosthom fuq pagamenti dovuti lill-esponent, il-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tieghu, kif ukoll studji li r-rikorrent kien qieghed jaghmel u li jghid kienu sussidjati mill-istess socjeta' ntimata. Izid jghid li kien hemm diversi ncidenti ta' agir u attegjament li hu ukoll jattribwixxi ghar-raguni li kien sfurzat li jittermina l-impjieg tieghu minn mal-kumpanija. Is-Sur Farrugia jghid li dan sar minkejja li hu kien impjegat ezemplari li kien ilu jahdem mal-kumpanija diversi snin u li x-xoghol tieghu dejjem halla impressjoni tajba mad-diretturi tal-kumpanija.

Min-naha taghha l-kumpanija tichad l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u zzid tghid li hi kellha fiducja fl-attur u r-rizenja tieghu giet b'sorpriza ghall-kumpanija.

**<u>Fatti tal-kaz</u>**

Is-Sur Farrugia kien impjegat mal-kumpanija Federated Mills plc fil-11 ta' Dicembru, 2011 bhala "*Customer Relationship Executive*"*.* F'Dicembru ta' 2012 hu nghata l-inkarigu li jmexxi grupp ta' haddiema godda li kienu sa jiehdu post il-burdnara li sa dak iz-zmien kienu jqassmu x-xoghol tal-kumpanija ghand il-furnara. F'din il-kariga hu kellu r-responsabilta' li jibni relazzjonijiet tajba mal-klijenti tal-kumpanija u anki jinnegozja kuntratti maghhom. Barra minn hekk hu kien jiehu hsieb ir-reklamar fuq il-medja socjali u jmexxi sondaggi dwar il-klijenti kif ukoll kien ikun involut fl-ingagg ta' impjegati godda fid-dipartiment tieghu. Kien imexxi t-tim tieghu fix-xoghol ta' kull jum assenjat lilhom u jiehu hsieb l-amministrazzjoni taghhom.

F’Mejju tal-2017 is-Sur Farrugia kellu offerta ta’ xoghol ma’ kumpanija ohra li hu jiddeskrivi bhal konsiderevolment ahjar minn dak li kien kellu mal-Federated Mills plc. Hu jghid li tkellem dwar din l-offerta mal-General Manager ta’ dak iz-zmien is-Sur Alex Meilaq fejn ir-rikorrent jghid li biex il-kumpanija zzommu maghha kienu ftehmu fuq pakkett gdid ta’ kundizzjonijiet ta’ xoghol kif segwenti:

- Salarju baziku annwali ta’ €33,500.
- Rata ta’ kummissjoni fuq il-bejgh, liema rata ma’ kinitx zvelata,
- Ammont ta’ granet *study leave*, liema ammont ma kienx zvelat,
- Rinunzja ta’ l-obbligi taht il-kuntratt li kien sar bejn ir-rikorrent u l-kumpanija dwar kors ta’ studji li r-rikorrent kellu il-hsieb li jaghmel ma’ l-Universita’ ta’ Reading.

Is-Sur Farrugia jghid li minkejja li fakkar lis-Sur Meilaq li dwar dan kollu ma kien ghad hemm xejn bil-miktub, il-kundizzjonijiet allegatament maqbula baqghu qatt ma tnizzlu bil-miktub.

Fit-23 ta’ Ottubru 2017 is-Sur Farrugia rcieva emejl minghand is-Sur Meilaq fejn dan elenka seba’ (7) punti li jirregolaw il-kummissjoni pagabbli lis-Sur Farrugia.

Fit-2 ta’ Marzu, 2018 is-Sur Farrugia applika ghal post vacant ta’ General Manager wara li kien irrezenja mill-kariga is-Sur Meilaq. Fil-21 ta’ Marzu s-Sur Farrugia kellu interview mac-Chairperson tal-kumpanija s-Sur Cassar u fit-28 ta’ Marzu 2018 inghata l-ahbar permezz ta’ emejl li ma kienx maghzul ghall-pozizzjoni ta’ General Manager. Minflok kien intaghzel is-Sur Marco Cachia. Fid-29 ta’ Marzu, 2018 is-Sur Farrugia hareg bil-leave tal-mard fit-tul ghaliex kellu bzonn jaghmel operazzjoni. Hu jghid li meta kien barra bil-leave tal-mard fit-tul kien xorta jaghmel xoghol mid-dar. Minkejja dan is-Sur Ray Zerafa li hu direttur u azzjonist tal-Federated Mills plc imma ukoll jahdem il-

payroll tal-haddiema kien naqqas mill-paga tas-Sur Farrugia madwar €1,500 ghall-perjodu li kien barra bil-leave tal-mard.

Meta s-Sur Farrugia rritorna ghax-xoghol f'Mejju kien gibed l-attenzjoni tas-Sur Cachia li t-tnaqqis mill-paga li kien ghamel is-Sur Ray Zerafa ma kienx gustifikat u stenna l-hlas lura li sal-gurnata tar-rizenja minn mal-kumpanija s-sur Farrugia kien ghadu ma' thallasx. Hu jghid ukoll li kien iddiskuta mas-Sur Cachia l-ftehim li allegatament kien intlahaq fl-2017 bejnu u s-Sur Meilaq dwar il-kundizzjonijiet godda ta' xoghol. Dan ta' l-ahhar irrisponda li hu sa jonora dak il-ftehim maqbul bil-miktub. Ir-rikorrent izid li s-sur Cachia kien qallu li s-superjuri tieghu kienu talbuh biex jehles minnu jigifieri mis-Sur Farrugia. Ir-rikorrent jghid li dan kien *shock* ghalih.

Is-Sur Farrugia jghid ukoll li xi drabi s-Sur Cachia kien jghidlu li s-salarju tieghu huwa gholi wisq u r-rikorrent jghid li dan kien ghalih degradanti. Meta ma dan wiehed izid incidenti u atteggjamenti li mhux necessarjament kienu jolqtu lilu direttament imma kienu jsehhu fuq il-post tax-xoghol, kienu jinkwetawh izda jghid ukoll li pprova jistaporti u jirsisti biex izomm l-impjieg.

Is-Sur Farrugia jghid li minflok irrezenja kien iddecieda li jitlob zieda fil-paga ekwivalenti ghal dak li hu jikkonsidra "fair" ghal mod kif zvolgiet ir-rwol tieghu mal-kumpanija. Meta l-kumpanija ma rrispondietx lura, s-sur Farrugia hass li ma kellux mod iehor hlief li jirrizenja kif effettivament ghamel f'Settembru, 2018 fejn kien hadem parti minn notice period.

Min-naha l-ohra, Alex Meilaq l-ex General Manager ta' Federated Mills plc jghid li s-Sur Farrugia kien kellmu dwar offerta ta' mpjieg li kellu ma' kumpanija ohra, liema offerta kienet sostanzjament ahjar minn dak li kien jaqla' mal-Federated Mills plc. Billi l-kumpanija xtaqet li s-Sur Farrugia jibqa' jahdem maghha, s-Sur Alex Meilaq dahal f'negozjati biex itejjiblu l-pakkett tal-beneficcji. Skont il-konvenut, dawn kienu jirrigwardjaw zewg aspetti, dak ta' zieda fil-salarju baziku u t-tieni dwar performance bonus. Hu jsostni li kien ta direttiva lis-Sur Ray Zerafa li kien jahdem is-salarji tal-haddiema biex izid is-

salarju tas-Sur Farrugia ghal dak miftiehem u li permezz ta' l-emejl tat-23 ta' Ottubru 2017 spjega kif is-sistema tal-performance bonus kienet sa tkun regolata. Hu rega' kkonferma dak li nkiteb fl-emejl tat-23 ta' Ottubru, 2017 permezz ta' emejl ohra datata 6 ta' Marzu 2018.

Is-Sur Meilaq jichad li hu qatt ftiehem mas-Sur Farrugia biex il-kumpanija tirrinunzja ghall-obbligi tal-ftehim li r-rikorrent kellu mal-kumpanija dwar dak li hu jiddeskrivi bhala "loan" biex ikun jista jhallas ghal kors ta' studju. Infatti hu jghid li meta s-Sur Farrugia kellmu dwar il-possibilita' li seta' jitlaq mill-kumpanija biex jiehu l-offerta l-gdida, s-Sur Meilaq jghid li hu fakkru li f'eventwalita' bhal din, is-Sur Farrugia kellu l-obbligi x'jonora lejn il-kumpanija li johorgu mill-ftehim li kien ghamel dwar l-istudji. Is-Sur Meilaq jghid li l-ftehim dwar l-istudji kien sar bl-approvazzjoni tad-diretturi u kull bidla f'dan il-ftehim kellu jsir bl-approvazzjoni taghhom. Ghaldaqstant hu jargumenta li qatt ma seta jasal ghal ftehim mas-Sur Farrugia biex l-obbligi taht il-ftehim dwar l-istudju jigu abrogati minghajr il-kunsens tad-diretturi.

Is-Sur Marco Cachia li nhatar General Manager wara s-Sur Alex Meilaq jghid li hu kellu relazzjoni tajba mas-Sur Farrugia u kienu bdew jahdmu tajjeb flimkien. Hu jghid li s-Sur Farrugia kien qed jiehu l-inizjattiva fuq ix-xoghol u kien jidher kuntent. Hu zied li s-Sur Farrugia kien isemmi esperjenzi negattivi fil-passat tal-kumpanija specjalment il-mod kif il-ftehim li s-Sur Farrugia jghid li kien intlahaq mas-Sur Alex Meilaq dwar il-pakkett gdid ta' kundizzjonijiet tax-xoghol ma kienux onorati. Isemmi ukoll id-dizappunt u l-insistenza li jithallas lura l-flus li kienu tnaqqsulu ngustament meta kien bil-leave tal-mard fit-tul.

Is-Sur Cachia jghid li z-zieda fil-salarju kienet giet implementata filwaqt li l-kummissjoni fuq il-bejgh ma kinitx thallset ghaliex il-miri mifthema li kellhom jintlahqu, effettivament ma kienux intlahqu.

Dwar l-obbligi tal-kuntratt dwar il-kors ta' studji, s-Sur Cachia jargumenta li minhabba li ma kellu xejn bil-miktub hu qatt ma' seta jiehu xi azzjoni f'dan ir-

rigward. Jghid ukoll li ghalkemm kien dam biex ta struzzjonijiet lis-Sur Ray Zerafa biex ihallas lura l-flus dovuti tal-leave tal-mard, dan ghamlu mhux b'disrispett imma ghaliex kien ghadu gdid fil-kariga u kellu hafna xoghol x'jaghmel barra l-fatt li s-Sur Zerafa kien jattendi l-ufficcju ghal ftit sieghat biss fix-xahar. Pero' jispjega li hu kien jghid lis-Sur Farrugia li dak li hu dovut lilu sa jinghatalu.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-Qorti tal-Appell ppreseduta mill-Imhallef Lawrence Mintoff nr 83/2019 fil-kaz ta' Roderick Azzopardi kontra Malta Public Transport Services (Operations) Ltd jiddeskrivi *"constructive dismissal"* bhala sitwazzjoni fejn il-haddiem gie mgieghel u kostrett li jirrezenja mill-impjieg kontra r-rieda tieghu.

Ghalhekk it-Tribunal ried ihares lejn diversi cirkostanzi biex;

1 jara x'kienu r-ragunijiet li wasslu ghar-rizenja,
2 jevalwa jekk dawn ir-ragunijiet kienux serji bizzejjed li nkiser parti fundamentali tal-kuntratt tax-xoghol jew li kien hemm serje ta' sitwazzjonijiet li meta tpoggihom flimkien joholqu ambjent tant dizmali u mhux accettabbli li l-impjegat ma jkollu l-ebda triq ohra hlief li jirrezenja,
3 jevalwa jekk ir-rizenja kinitx direttament marbuta mar-ragunijiet li ghamlu l-hajja tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol insapportabbli,
4 jevalwa jekk kienx hemm process fejn il-haddiem pogga l-ilmenti tieghu quddiem is-superjuri tieghu biex ikunu rizolti l-istess ilmenti,
5 jevalwa jekk il-Management jew dawk responsabbli hadux l-ilmenti bis-serjeta' u jekk ghamlux hilithom biex ikunu rizolti b'mod gust,
6 jittawwal ukoll lejn iz-zmien li ghadda bejn meta l-ilment gie ghad-deher tal-Management u l-azzjoni tar-rizenja, igiefieri kemm l-effett tar-rizenja kien konsegwenza tal-kawza ta' l-ilment mhux mismuh,

7 jissendika l-ittra tar-rizenja u jara l-konsistenza jew in-nuqqas taghha bejn dak li hu miktub u r-ragunijiet migjuba ghar-rizenja.

<u>Ksur fundamentali tal-kuntratt tax-xoghol</u>

It-Tribunal kien ikkwota, fil-kaz 2660/FM 2010 ta' Sarah DeMarco u Malta University Residence Ltd, lil-Imhallef Arnold tal-qrati inglizi fejn qal *" in order to justify a conclusion of constructive dismissal one has to consider whether the conduct complained of constitutes either a fundamental breach of the contract or a breach of a fundamental term of the contract".*

Ir-rikorrent ipoggi bhala r-raguni principali ghar-rizenja tieghu s-segwenti kundizzjonijiet godda ta' xoghol li hu jallega kienu mifthema ma' l-ex General Manager s-Sur Alex Meilaq u li ma' gewx onorati;

- Salarju baziku annwali gdid ta' €33,500.
- Rata ta' kummissjoni fuq il-bejgh, liema rata ma' kinitx zvelata,
- Ammont ta' granet study leave, liema ammont ma kienx zvelat,
- Rinunzja ta' l-obbligi taht il-kuntratt li kien sar bejn ir-rikorrent u l-kumpanija dwar kors ta' studji li r-rikorrent kellu l-hsieb li jaghmel ma' l-Universita' ta' Reading.

Is-Sur Meilaq jghid li kienet saret diskussjoni dwar zewg aspetti biss, dak taz-zieda fis-salarju u dwar il-kummissjoni. Il-partijiet qatt ma waslu biex l-hekk imsejjah ftehim jitpogga bil-miktub u ghalhekk it-Tribunal kellu biss quddiemu ftit emejls dwar is-suggett fosthom l-emejls tas-27 u 28 ta' Mejju 2017 fejn minnhom johrog li s-Sur Farrugia kellu offerta minghand kumpanija ohra ta' €47,000 fis-sena u bonus li jwassal sa €12,000 fis-sena. Jghid ukoll li hu mhux imdejjaq mal-Federated Mills plc u ghax jifhem li il-kumpanija ghandha limiti finanzjarji sa fejn tista tasal, hu kien;

*" … willing to discuss and negotiate accordingly. Past help from FM will not go unnoticed in such situations" emejl 27 ta' Mejju, 2017"* ref AM2.

Ir-risposta tas-Sur Meilaq kienet fit-28 ta'Mejju, 2017 fejn qal;

*"I don't think that there is much to discuss, unless you need to add some additional things. At this point in time, I will try and work on something, although it is extremely difficult because the gap is too much".*

Minn dawn l-emejls ma johrog xejn specifiku ghajr l-intenzjoni li l-partijiet jinnegozjaw. Il-fatti juru li s-salarju tas-Sur Farrugia zdied ghal €33,500 u dan ma kienx kontestat anki jekk jidher bic-car l-inefficjenza fil-mod ta' kif il-payroll kien amministrat.

Ma' dan hemm ukoll l-emejl tas-Sur Meilaq tat-23 ta' Ottubru, 2017 fejn telenka l-metidologija li biha sa tinhadem il-kummissjoni fuq il-bejgh u jispicca l-emejl bil-kliem,

*" If you need any clarification, please let me know".*

Mill-atti ma johrog xejn li din il-metidologija ma kinitx accettata anki jekk is-Sur Farrugia jghid fix-xiehda tieghu li ma kellux fiducja kif eventwalment gew kalkolati l-figuri. Min-naha l-ohra, s-Sur Cachia, jispjega li hu zamm mal-figuri kif hadimhom is-Sur Meilaq u abbazi ta' dan zamm ukoll mad-decizjoni tas-Sur Meilaq li la darba l-mira li fuqha tithallas il-kummissjoni ma ntlahqitx, ebda pagament ma kien dovut lis-Sur Farrugia.

Dwar l-allegazzjoni dwar l-ghajnuna finanzjarja biex is-Sur Farrugia jaghmel kors ta' studju, t-Tribunal huwa ffaccjat b'zewg verzjonijiet fejn is-Sur Farrugia jghid li hu ftehem mas-Sur Meilaq biex l-obbligi li kellu permezz ta' kuntratt dwar dan ikunu rinunzjati filwaqt li s-Sur Meilaq jghid li hu qatt ma seta ftehem haga bhal din ghaliex ma kellux l-awtorita' mehtiega u allura kienet biss il-prerogattiva tad-diretturi biex jibdlu dan il-ftehim.

Dwar il-granet tal-leave ghall-istudju li hu allegat kien ukoll miftiehem ma kienet prodotta l-ebda evidenza ghal dan.

It Tribunal ifakkar li f'kazijiet ta' "*constructive dismissal*" huwa r-rikorrent li ghandu jipprovdi l-evidenza biex jissustanza l-allegazzjonijiet. F'dan il-kaz ir-rikorrent ma pprovda l-ebda evidenza biex turi li kien hemm ftehim u ma giex onorat. Min-naha l-ohra s-socjeta ppruvat li z-zieda fis-salarju kienet approvata u mhallsa, filwaqt li l-struttura tal-kummissjoni fuq il-bejgh kienet tezisti u thaddmet.

Filwaqt li l-partijiet kellhom ir-ragunijet taghhom ghaliex ikunu daqshekk skarsi fid-dettalji miktuba, xejn ma zamm lir-rikorrenti milli jpoggi bil-miktub il-hwejjeg maqbula bejnu u bejn is-Sur Meilaq u bil-miktub jitolbu jikkonferma d-dettalji. Dan zamm lura milli jaghmlu kemm meta hu allega li sar il-ftehim u anki xhur wara meta skont is-Sur Farrugia il-ftehim baqa ma giex implementat.

Ghalhekk it-Tribunal ma jsib l-ebda ksur ta' xi principju fundamentali tal-kuntratt tax-xoghol.

<u>Ir- "reasonableness test"</u>

It-Tribunal hares ukoll lejn ir- "reasonableness test" fejn apparti ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt jista jkun hemm ukoll agir ta' min ihaddem li kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kaz 83/2019 jwassal biex impjegat jigi imbuttat 'il barra mill-post tax-xoghol.

It-Tribunal jinnota atteggjament goff u lingwagg mhux f'loku fuq il-post tax-xoghol, atteggjamenti li f'socjeta' sofistikata li qed nghixu fiha huma rritanti u kontro produttivi. Li tkun azzjonist ifisser li wiehed huwa investitur u dan ma jaghmilx wiehed la mexxej u anqas maniger tajjeb tan-nies. Dan huwa kaz fejn grupp ta' kumpaniji gew flimkien fl-1994 u waqqfu kumpanija wahda

komuni li tmexxiet ghal 27 sena mill-istess nies li jidher li ftit jew xejn aggornaw ruhhom maz-zminijiet u baqghu bl-istess metodi ta' tmexxija. Mhux xi haga rari li taraha haga bhal din u ghalkemm mhux xi konsolazzjoni, kultura bhal din tiehu z-zmien biex tinbidel. Ghalhekk meta haddiem li ghal diversi snin ikun hadem u accetta li jahdem f'ambjent ta' kultura bhal din u anki kellu c-cans li jitlaq ghal kundizzjonijiet ahjar u jaghzel li jibqa allura f'cirkostanzi bhal dawn it-tali haddiem ma jistax jincita din il-kultura bhala raguni ta' "*constructive dismissal*".

It-Tribunal hares ukoll lejn il-fatt li kemm is-Sur Alex Meilaq u kemm is-Sur Marco Cachia hadu passi konkreti meta s-Sur Farrugia wera xewqa biex itejjeb il-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu minkejja li l-Federated Mills plc kienet regolata minn ftehim kollettiv li jistabilixxi hu l-kundizzjonijiet tax-xoghol. Is-Sur Alex Meilaq kien ta struzzjonijiet biex jizdied is-salarju tas-Sur Farrugia u ntroduca s-sistema gdida tal-kummissjoni fuq il-bejgh, liema talbiet kienu gew minghand is-Sur Farrugia. Min-naha l-ohra s-Sur Cachia ta struzzjonijiet biex is-Sur Farrugia jithallas lura l-flus mizmuma fil-kaz tal-hlas tal-leave tal-mard. Fiz-zewg okkazzjonijiet il-General Managers setghu hadmu b'mod aktar spedit pero jibqa l-fatt li l-imgieba taghhom uriet li t-tnejn riedu li s-Sur Farrugia jibqa jahdem mal-kumpanija.

<u>Il-"contract test"</u>

It-Tribunal hares lejn il-"contract test". Il-Qorti ta' l-Appell fil-kaz 83/2019 jiddeskrivi l-"contract test" bhala mgieba min-naha ta' min ihaddem li turi l-intenzjoni tieghu li jibqa jew ma jibqax josserva l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tal-impjieg.

Min-naha l-ohra l-General Manager il-gdid s-Sur Marco Cachia wera li kien lest li jahdem mas-Sur Farrugia allavolja dan ta' l-ahhar ikkompeta mieghu ghall-pozizzjoni ta' General Manager. Kien jinkludih u tah l-ispazju biex jahdem ghal qalbu. Il-korrispondenza u anki x-xiehda li gietipprezentata turi livell tajjeb hafna ta' rispett u nkluzjoni lejn is-Sur Farrugia min-naha tal-

General Manager li f'dan l-istadju sar il-wicc il-gdid tal-kumpanija, li allura l-affarijiet bdew jidhru li qed jiehdu xejra ghall-ahjar. Meta s-Sur Farrugia nforma lis-Sur Cachia li kien sa jirrizenja, dan ta' l-ahhar qallu biex jerga jikkonsidra jekk ma kellux job lest ghal xiex imur. Kien parir tajjeb li juri li l-intenzjoni tal-kumpanija ma kinitx li jehilsu minnu anki jekk kien qed isir ristrutturar mal-migja tas-Sur Cachia.

Ghalhekk it-Tribunal ma jsibx ragunijiet sufficjenti li jew unikament jew flimkien holqu sitwazzjoni insapportabbli ghas-Sur Farrugia li setghu kienu r-raguni ghar-rizenja tieghu minn mal-kumpanija.

<u>Tempestivita'</u>

Fil-kaz tad-decizjoni 2528 / 2010 fil-kwistjoni tax-xoghol bejn Marika Schembri Adami u Volksbank Malta Ltd, it-Tribunal f'pagna 3 jghid li kunsiderazzjoni mportanti, anki jekk mhux indispensabbli f'kaz ta' allegat *"constructive dismissal"* hija t-tempestivita' tar-reazzjoni tal-impjegat wara incident jew serje ta' ncidenti li jkun ilmenta fuqu/hom.

Id-diskussjoni bejn is-Sur Farrugia u s-Sur Meilaq dwar il-kundizzjonijiet godda tax-xoghol saret f'Mejju ta' 2017 u l-implementazzjoni taz-zieda fis-salarju hadet sa tard 2018 biex giet implementata. Ma' dan it-Tribunal jinnota li f'Marzu 2018 is-Sur Farrugia kien jaf li skont il-metidologija tal-kummissjoni fuq il-bejgh, ma kienx sa jikkwalifika ghal kummissjoni. Is-Sur Farrugia kien jaf ukoll li s-Sur Cachia mal-hatra tieghu f'Mejju 2018 mill-ewwel qallu li hu sa jonora biss dak li hemm bil-miktub igifieri li mhux sa jikkonsidra dak li s-Sur Farrugia kien qed jallega li ftehem dwar ir-rinunzja ta' l-obbligi tal-kuntratt dwar l-istudju u l-leave ta' l-istudju. Minkejja dan, ir-rizenja giet f'Settembru 2018 wara xhur jahdem tajjeb mal-General Manager il-gdid.

It-Tribunal jinnota li ghadda hafna zmien bejn meta saru n-negozjati ghal kundizzjonijiet godda ta' xoghol u r-rizenja mill-impjieg u ghalhekk huwa nieqes l-element ta' tempestivita' li minkejja li mhux indispensabbli, kif qal it-Tribunal fil-kaz 2528 / 2010, xorta huwa mportanti.

L-ittra tar-rizenja

Barra minn hekk it-Tribunal hares lejn l-ittra ta' rizenja u ma sab l-ebda hjiel ta' protesta ghal mod li kien ittrattat fl-impjieg jew li b'xi mod jelenka ragunijiet li jorbtu r-rizenja ma' dak li qal is-Sur Farrugia fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2020 pagna 22:

" kif inhi ghaddeja hajti hawnhekk jiena ma jistax ikun nibqa b'din il-paga, biex forsi nissaporti tridu jew, irridu naqdfu ghal ftehim iehor li jkun jaghmel sens ghal dak li ghaddej minnu jien."

Dan id-diskors tas-Sur Farrugia ma jurix li l-post tax-xoghol kien sar tant insapportabbli li ma kellu l-ebda triq ohra hlief li jitlaq. Anzi r-reazzjoni tas-Sur Farrugia kienet wahda ta' negozjar bit-tama li jibqa jahdem fl-istess post.

L-ittra ta' rizenja tirringrazzja lil Bord tad-Diretturi tal-opportunita' li nghata biex jahdem mal-Federated Mills plc filwaqt li jassigurahom li hu sa jkun ghad-dispozizzjoni taghhom ghal tranzizzjoni efficjenti anki wara li jiskadi n-notice period.

Fis-26 ta' Ottubru, 2018 is-Sur Farrugia jibghat emejl lis-Sur Cachia fejn jghidlu li;

*" I was looking to terminate my employment in a positive and amicable manner. I hope that after revewing my comments, I trust that you will make the right ethical decisions in view of my departure".*

Ghal darba ohra s-Sur Farrugia qed jittama li t-tluq tieghu minn mal-Federated Mills plc ikun wiehed amikevoli u li juri li kienet azzjoni ppjanata.

Pero' ghad-domandi tas-socjeta', s-Sur Farrugia jistqarr li kieku l-kumpanija zieditlu s-salarju ghal dak li hu kien jikkonsidra *fair* ghalih, kieku kien jikkonsidra li ma jirrezenjax. Din x-xiehda hija korraborata ukoll b'affidavit datat 14 ta' Gunju, 2019 tas-Sur Farrugia fejn jghid li;

*"Ghalhekk, sabiex nipprova nzomm l-impjieg tieghi, minflok tfajt ir-rizenja, tlabt ghal zieda fil-paga, li jien kont evalwajt u kkunsidrajt bhala fair ghal kif zvolga l-irwol tieghi."*

It-Tribunal fil-kaz 2295/LC / 2007 stqarr li f'kuntratt bilaterali l-ebda parti ma ghandha aktar sahha mill- parti l-ohra tant li tista tbiddel il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u timponih fuq il-parti l-ohra.

Is-Sur Farrugia fl-ittra ta' rizenja tieghu jkompli jghid li;

*".. ghalhekk fi zmien gimgha, meta rajt li Marco Cachia baqa' ma wigibx, ma kellix mod iehor, hlief li nitfa r-rizenja tieghi".*

Meta wiehed jitlob zieda fil-paga ikun qed jinnegozja kundizzjonijet godda u filwaqt li l-haddiem f'kaz li l-pakkett il-gdid ma jkunx kuntent bih ghandu l-liberta' li jirrizenja, ma jkollux ragun fil-ligi li jallega *"constructive dismissal".*

**<u>Decizjoni</u>**

Wara li t-Tribunal ezamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-kaz, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li hares lejn l-elementi tal-kaz fit-totalita' u l-komplessita' taghhom, jiddeciedi li r-rikorrent s-Sur Dirk Farrugia ma kienx terminat mix-xoghol ingustament, it-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet skont il-ligi, u ghalhekk mhiex *constructive dismissal*.

**Drittijiet**

It-Tribunal jillikwida id-drittijiet pagabbli lil min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93.17 kull wiehed u dana ai termini tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986.

**(iffirmat)**

Joseph Gerada
Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju